# IS-SALINI TAL-MELĦ

## Inkomplu nagħtu l-ħajja lis-snajjiet antiki

jikteb Justin Xuereb

Ir-raħal pittoresk taż-Żebbuġ hu mdawwar b'veduti li jsaħħruk fosthom tal-għoljiet, tal-kampanja u tal-kosta. Malli tibda n-niżla ta' Triq Għajn Mhelhel li twasslek għall-bajja tax-Xwejni, tilmaħ il-Qolla l-Bajda. X'ħin tasal fil-bajja u taqbad timxi mal-kosta mill-bajja 'l ġewwa lejn in-naħa tax-xellug, tara', tisma' u xxomm il-ġmiel tan-natura, tintebaħ b'id setgħana tal-bniedem qadim t'Għawdex li għamel is-salini. Ftit insibu informazzjoni dwar din is-sengħa fil-gżejjer tagħna. Li nafu żgur hu li kienu l-Feniċi li kienu nibbtu din is-sengħa.



Il-melħ hu materja prima li minn dejjem sab l-użu tiegħu fil-ħajja tal-bniedem.



Fiż-żminijiet tal-lum baqa' xi familji li għadhom jaħdmu dawn is-salini. Waqt mixja tiegħi li fettilli nagħmel fir-rebbiegħa, lejn dawn in-naħat iltqajt ma' wieħed mill-produtturi tal-melħ, Leli tal-melħ li tista' tgħid qatta' bosta snin minn ħajtu jaħdem fis-salini .Skoprejt illi dan ir-raġel kien sors kbir ta' informazzjoni dwar dan is-suġġett. Għamilt diskursata twila fejn spjegali kif isir il-proċess tal-melħ u l-qtigħ il-qalb u x-xogħol iebes biex jinġabar il-melħ. 'Kollox jiddependi mit-temp', qalli Leli. Għalija kienet esperjenza unika fejn offrejt l-għajnuna tiegħi billi Leli nzerta kien qed jagħmel xi xogħol ta' tindif fil-ħofor waqt li kien qed jipprepara għall-istaġun li ġej. Doqt il-ħidma tal-id li f'dawn iż-żminijiet aħna ż-żgħażagħ bħali ftit nagħtu kas u nagħlqu għajnejna għal dak li jinvolvi x-xogħol manwali, anki jekk saħansitra jkunu biss żewġ passi 'l bogħod minna. Illum moħħna aktar mehdi f'dak li toffri t-teknoloġija b'dak li ġġib magħha u rari nagħtu kas tal-ambjent u s-snajjiet li aħna mdawrin bihom.



Leli kompla jtennili li t-turist li jżur gżiritna jibqa' mmeraviljat u affaxxinat b'dawn is-salini u bil-prodott x'ħin jarawh f'idejhom, iżda l-iktar bid-determinazzjoni u l-passjoni li jkollu l-ħaddiem tal-id għas-sengħa tiegħu. L-awtoritajiet u l-kunsilli lokali għandhom jgħallmu u jgħarrfu liċ-ċittadini b'dawn it-tradizzjonijiet u l-prodott naturali Malti. Anke tfal u studenti għandhom jiġu mħeġġa jżuru postijiet bħal dawn sabiex iduqu dawn is-snajjiet. Ħassejtni li bħal ċittadin responsabbli nwassal leħen Leli u s-sengħa tiegħu biex nagħti dan il-ftit tagħrif u nqajmu kuxjenza ħalli dawn it-tradizzjonijiet antiki li jagħmlu parti kbira mill-kultura tagħna ma nħalluhomx jinxfu bħall-ilma baħar.

